Fit-Tribunal tal-Konsumatur

CCT/78/24/S

Noel Gauci

Vs

Motors Inc. Ltd

Illum 22 ta' Mejju, 2025.

It-Tribunal,

Ra t-talba ppreżentata minn Noel Gauci fit-8 ta' April, 2024, u r-risposta ppreżentata minn Motors Inc. Ltd fit-2 ta' Mejju 2024;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' l-partijiet u x-xhieda kif ukoll it-trattazzjoni tagħhom magħmula fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024.

Ikkunsidra,

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar *camera* li inbidlet min-naħa tas-soċjeta' intimata filwaqt illi l-ilment baqa' hemm minħabba illi r-radju ma kienx qed jaħdem u dan skont l-istess soċjeta' intimata u li jekk irid jinbidel hemm ħlas ta' €3,000 u li dwaru is-soċjeta' intimata tat lir-rikorrenti skond ta' 50%.

Illi r-raġuni li tat is-soċjeta' intimata lir-rikorrenti, u cioe' li l-problema oriġinat mir-radju u mhux mill-*camera* qed tiġi kontestata min-naħa tar-rikorrenti.

Illi hemm kontestazzjoni ukoll dwar il-perjodu tal-garanzija. Illi s-soċjeta' intimata qed tgħid li huma differenti għal *camera* u għar-radju.

Illi jirrizulta mill-provi illi l-vettura in kwistjoni u cioe' dik bin-numru tar-reġistrazzjoni CNJ004 ġiet għall-ewwel *service* iktar minn 4 snin wara li kienet inxtrat meta skont is-soċjeta' intimata s-*service* irid isir kull sena.

Illi kien f'dan l-ewwel *service* li ġie indikat li l-camera ma kinitx qed taħdem.

Illi skont is-soċjeta' intimata il-*camera* ġiet mibdula u ġie iċċekkjat il-*wiring* li kien instab li jaħdem bil-konsegwenza illi allura ir-radju u cioe' l-*audio unit* kellu l-ħsara u ried jinbidel.

Illi jekk wieħed jara id-dokumenti ippreżentata mis-soċjeta' intimata partikolarment paġna ħamsa il-paragrafu dwar *audio system* dan jgħid illi il-makkinarju u il-partijiet kollha relatati miegħu huma koperti għal 36 xahar mid-data tal-ewwel *service*, filwaqt li d-definizzjoni ta' *date of first service* hija l-ewwel data li l-vettura tkun ġiet mgħoddija lill-ewwel *retail customer*. Illi għalhekk jidher li dan il-perjodu impost mil-garanzija kien għadda.

Illi ta' min isemmi li hija regola tad-dritt li min jallega irid jipprova u din ir-regola tad-dritt hija sanċita fl-Artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi *"Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-Liġi l-obligu ta' prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegaħ"*.

Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-3 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet "David Pace vs Frans Falzon et" fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*"Kull każ għandu jkun eżaminat fuq il-mertu u il-fattispece partikolari tiegħu. Dan jgħodd ukoll fejn tidħol l-applikazzjoni tal-każ ta' prinċipji ta' dritt kif midhuma fid-dottrina u fil-ġurisprudenza. B'hekk il-ġudikant ikun f'qagħada li jsaħħaħ il-konvinzjoni u l-konklużjonijiet tiegħu. Iċ-ċertezza morali li fuqha il-ġudikant għandu il-motivazzjoni tal-ġudizzju tiegħu trid issib il-ġustifikazzjoni tagħha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet. Bħala punt tad-dritt il-piż tal-prova fil-mertu huwa mixħud fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-preżunzjoni li mhux obligat jagħmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-onoru billi wasal biex jipprova il-leġittimita' tal-pretensjoni tiegħu jew inkellha kelliex il-Qorti tapplika ir-rigola ta' ġudizzju il-fatti allegarti ma ġewx sodisfaċjentement ippruvati. Dan kollu jissarraf fil-prinċipju li jirregola l-piż tal-prova u cioe' li x-xjenza tal-fatt allegat għandu jiġi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. Del resto hekk ukoll jgħid l-Art. 562 tal-Kap. 12 u fil-każ li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-każ ta' dubbju l-allegata xjenza għandha tiġi riġettata."* Ara deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell fosthom din mgħotija fl-20 ta' Frar 1996, Theuma vs Mercieca u dik mgħotija fit-30 ta' Mejju 1997 mill-istess Qorti tal-Appell fl-ismijiet Fenech Clarke et vs Borg et.

Illi għalhekk meta wieħed jeżamina l-provi mressqa, dan it-Tribunal hu tal-fehma u qed jikkonkludi li r-rikorrenti ma ppruvax sodisfaċentement dak minnu allegat u cioe' li il-vettura kienet għadha taħt garanzija fir-rigward tal-*audio parts* li kellhom jinbidlu.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrenti Noel Gauci filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata Motors Inc. Ltd. B'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru